**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 079/2023**

**LN u ON ('Ilmentaturi')**

**Vs**

**Curmi & Partners Ltd.**

**Reg. Nru C 3909**

**('Provditur tas-Servizz' jew 'CP')**

**Seduta tad-29 ta' Novembru 2023**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment** datat 21 ta' Gunju 2023[1] imressaq mill-Ilmentaturi fejn ilmentaw li f'Awwissu 2015 kienu marru ghand il-Provditur tas-Servizz u talbu biex jinvestu €5,000 f'*shares* ta' kumpanija taz-zejt imsejha *OILEX LTD* (OEX) peress li kellhom taghrif li dawn l-ishma jistghu jitilghu wara li kien irrapportat li skoprew riserva ta' gass.

Huma argumentaw li ma kinux konxji li dan l-investiment kien kumpless u b'riskju gholi, u billi kienu klijent *retail* u mhux professjonali, stennew li CP kellu jwissihom dwar dawn ir-riskji qabel jinvestu. Izda sostnew li CP qatt ma staqsewhom xejn dwar jekk kinux familjari ma' xi strument jew servizzi finanzjarji. [2] [3]

---

[1] Pagni (P.) 1 - 8 u dokumenti annessi p. 9 - 40

[2] P. 4

[3] Dan l-obbligu gie introdott b'effett mis-sena 2018 permezz ta' *Investment Service Rules for Investment* Service *Providers ('Rules')* mahruga mir-regolatur MFSA li kienu applikabbli mit-2 ta' Jannar 2018

Ghalhekk ihossu li CP naqsuhom ghax ma tawhomx parir finanzjarju adegwat[4] u ghax qatt ma ghamlu *due diligence* dwarhom biex ikunu jistghu jaghtuhom parir professjonali. Ghalhekk qed jitolbu kumpens ta' €6,000 komposti mill-kapital mitluf ta'€5,000 u imghax mitluf ta' €1,000 bir-rata ta' 2.5% ghal 8 snin.[5]

Bhala data ta' meta kienu jafu bil-materja ta' dan l-Ilment, iddikjaraw il-05 ta' Mejju 2017.[6]

Mal-Ilment annettew diversi skambji permezz ta' *emails* mal-Provditur tas-Servizz. L-aktar relevanti huma:

1. *Email* datata 19 ta' Dicembru 2017[7] fejn kienu ressqu l-Ilment.
2. Risposta ta' CP datata 21 ta' Dicembru 2017[8] fejn gie kkonfermat li l-ishma in kwistjoni kienu b'riskju gholi.
3. Skambju ta' *emails* f'Mejju 2023[9] jirrepetu l-istess argumenti li eventwalment wasslu biex gie rregistrat dan l-Ilment mal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (OAFS).

L-Ilmentaturi indikaw li fis-sena 2017 kienu digà baghtu ilment lill-OAFS u, b'turija ta' dan, annettew skambju ta' *emails* datati 06 u 07 ta' Dicembru 2017.[10] Izda dan kien kaz fejn l-Ilmentaturi kienu fittxew taghrif dwar il-procedura biex iressqu ilment li, però, ma kienx gie rregistrat qabel dan l-Ilment fl-2023.

**Risposta tal-Provditur tas-Servizz**

CP baghtu risposta ghall-Ilment imressaq quddiem l-OAFS datata 11 ta' Lulju 2023[11] fejn fiha qalu:

1. Li x-xiri tal-ishma ta' OEX kien sar fuq bazi ta' *Execution Only,*[12] bla ma ntalab jew inghata parir dwar l-investiment.

---

[4] *Ibid*.
[5] P. 5
[6] P. 2
[7] P. 9
[8] P. 12
[9] P. 18 - 22
[10] P. 25 - 26
[11] P. 47 - 48
[12] P. 57 - 62

2. Li l-Ilmentaturi kienu jafu bir-riskji involuti ghax huma stess kienu talbu li jsir f'dan l-investiment u li kienu akkompanjati ma' habib li kien jidher li ndikalhom dan l-investiment u li, fil-fatt, kienu taw lil din il-persuna delega biex ibiegh u jixtri investimenti f'isimhom.[13]

3. Li skont *Standard Licensing Conditions* (SLC) 2.25 f'*Part* B1 ta' *Investment Service Rules for Investment Service Providers ('Rules')*, mahruga mir-regolatur MFSA li kienu applikabbli mit-2 ta' Jannar 2018, CP ma kellhiex obbligu tikseb taghrif dwar kemm il-klijent kien familjari ma' investiment li gie identifikat mill-klijent stess u li kien qed jinxtara permezz ta' servizz tip *'Execution Only'*, kien prodott mhux kumplikat u li kien ikkwotat fuq xi suq rikonoxxut tal-ishma, fil-kaz ta OEX, fuq AIM, li huwa suq regolat ta' *London Stock Exchange* ghal kumpaniji zghar.

4. Li dak iz-zmien tat-tranzazzjoni ilmentata lanqas kien hemm obbligu biex jigu rrekordjati tahditiet bit-telefon mal-klijenti li dahlu fis-sehh fil-bidu tal-2018.

**Seduti**

Saru zewg seduti fil-31 t'Ottubru 2023 u fil-21 ta' Novembru 2023.

Bazikament, il-partijiet sostnew il-pozizzjoni rispettiva taghhom izda hareg dan it-taghrif li jitfa' ftit aktar dawl fuq it-tranzazzjoni ilmentata:

LN qal:

'***Nghid li l-habib tat-tifel li qalilna b'dawn ix-shares hu XXX.***

***Dan kien missier l-ex tat-tifel li kienu a group who invested in these things.***

***Mistoqsi jekk dan XXX kienx investa fl-istess investiment, nghid li hu beda, u tana suggeriment biex ninvestu fih.***

***Nikkonferma li jien mort ghand Curmi & Partners biex ninvesti f'dan l-investiment specifiku. Naqbel li jien mort b'€5,000 ghand Curmi & Partners u ghidtilhom jinvestuhomli f'dan l-investiment partikulari.***

[13] P. 63

***Nghid li meta mort ghand Curmi & Partners kelli lit-tifel mieghi. Dawn il-€5,000 kienu tieghi u tat-tifel ghax ridna naghmlu xi haga flimkien, €2,500 kull wiehed.***

***Mistoqsi naqbilx li meta ghamilt dan l-investiment, jien kont investejt ukoll bl-istess mod, fl-istess tip ta' investiment ma' bank iehor, l-HSBC, nghid li iva, jien kont HSBC staff. L-ewwel bdejt ma' Curmi & Partners, u billi kont HSBC staff, qaluli li stajt niffranka xi charges biex nixtri, allura, I went and bought more shares through HSBC wkoll. Nghid li iva, dejjem fl-istess investiment.***

***Mistoqsi kemm investejt mal-HSBC, nghid li €5,000. Mistoqsi x'sar minn dawn il-€5,000, nghid l-istess.***

***Mistoqsi jekk meta mort ninvesti mal-HSBC qalulix li dan l-investiment ma kienx tajjeb u ma kienx jghodd ghalija, nghid li lanqas. Nghid li tal-HSBC ma kontx qed insemmiha ghax ser naghmel kaz mal-HSBC, u f'2015, kont ghamilt investiment iehor mal-HSBC wkoll u they went haywire, ma nafx x'gara. F'2015, kulhadd beda jghidli biex ninvesti u ppruvajna.***

***Nikkonferma li meta mort ghand Curmi & Partners kont iffirmajt dik li jghidulha Execution Only Confidential Client Account Opening Form.'***[14]

***'Mistoqsi la jien kelli dubju fl-2017 ghalfejn stennejt sal-2023 biex naghmel il-claim, nghid li ahna dejjem ittamajna li dawn ix-shares, which we were monitoring, forsi jitilghu, imbaghad, rajna li there's no chance.***

***Mistoqsi naqbilx li jiena mir-risposta li ghadni kif tajt ma kontx qed nikkunsidra li l-investiment huwa hazin ghax kien baqali t-tama li dan jista' jmur tajjeb, nghid li t-tama hemm tibqa'. Nghid li qed naghmel il-complaint ghaliex meta jien u t-tifel gejna hemmhekk, Mr Vince Micallef ma taniex il-guidance li hemm bzonn bhal kif suppost. Meta konna hemmhekk ma qalilniex li kien high end of the spectrum, li qed nirriskjaw, ecc. It was very plain sailing qisni qed nixtri shares tal-BOV jew tal-HSBC fejn kont nahdem.'***[15]

ON qal:

'***Din grat tmien snin ilu u nifhem li qed tistaqsu ghalfejn domna biex ftahniha. Nghid li meta dhalna, initially, ma konniex infurmati li kienet high risk for that matter. Li intqal, anzi, ghax niftakar car, li lil Vince staqsejnih x'jahseb minn dawn, qalilna li dan it-tali – li ma kienx XXX imma kien xi hadd iehor li konna***

---

[14] P. 50
[15] P. 51 - 52

***qed nitkellmu mieghu ukoll - jaf x'inhu jaghmel. Fuq l-investiment ma qalilna xejn.'***[16]

Fil-kontroezami qal:

***'Mistoqsi naqbilx li dan l-investiment min-natura tieghu ma kienx wiehed kumpless, nghid li ghalija dak iz-zmien kollox kien kumpless. Issa, if I had to look back, I am not even sure; I have to go further in detail. To be honest, tant hassejt li gejt deluded li ma bqajtx infittex fuqha u hallejt fuq missieri.***

***Nikkonferma li XXX qalli b'dan l-investiment.***

***Mitlub nikkonferma li meta mort ghand Curmi & Partners tlabthom biex ipogguli flusi f'dan l-investiment partikolari, nghid li nahseb li morna hemm u konna staqsejna fuq dan l-investiment partikolari u meta staqsejtu x'jahseb, qalilna li dan jaf x'inhu jaghmel. Obviously, that is why we went there in the first place. Kieku forsi hadu aktar hsiebna, I would have considered furthering my investments. From my end, hassejtni li ma kelli l-ebda guidance. Kulma kont qed nircievi emails u statements. Not even one call, nothing.'***[17]

***'Mistoqsi naqbilx li jiena lanqas lil Curmi & Partners ma talbthom gwida ghax mort ghandhom u iffirmajt Execution Only agreement u ghidtilhom jinvestuli flusi f'dan l-investiment li qed nghidilhom jien, nghid li mort hemm u ffirmajna xi karti, - iffirmajna Execution Only li, kif ghidt, I was younger back then – però, stennejt li xorta ser ikun hemm xi tip ta' gwida. Dan mhux qed nghidu li tajtek €5,000 u ghidtlek biex taghmel li trid bihom. Però, xi tip ta' gwida jew daqsxejn ta' follow-up stennejt.***

***In fact, what I know for sure is that they continued to invest and at no point were we contacted, 'Isma', dawn qed jaghmlu hekk, hekk u hekk. Would you be interested? The situation is this.'***

***Mistoqsi x'ridt infisser b''they continued to invest', nghid li XXX u l-ohrajn baqghu jinvestu.***

***Naqbel li jien investiment wiehed ghamilt ma' Curmi & Partners.***

[16] P. 52
[17] P. 53

***Mitlub nikkonferma li jien mort ghand Curmi & Partners u kont jien li ghidtilhom li hemm dan l-investiment taz-zejt u li ridt inpoggi flusi hemm u li ma kinux huma li ssuggerewuli, nghid li hekk hu, ezatt.'***[18]

L-Ilmentaturi ma ghamlux sottomissjonijiet finali.

Il-Provditur tas-Servizz ghamel dawn is-sottomissjonijiet finali fis-Seduta tal-21 ta' Novembru 2023:

'***Il-Provditur tas-Servizz jghid li dan kien kuntratt ta' Execution Only u huwa car anke mill-agreement li sar li l-Provditur tas-Servizz ma kienx hemm biex jaghti parir.***

***Hareg bic-car li min gie biex jaghmel l-investiment kien hu stess li indika fiex ried jinvesti. Il-fatt kienx fih riskju jew le imur mal-investiment innifsu, però, ladarba kien Execution Only din ma kinitx kwistjoni li jinghata parir imma sempliciment min gie kellu digà earmarked l-investiment ghalxiex ried jaghmlu u ghazel li jinvesti hemmhekk.***

***Hareg bic-car ukoll illi dawn hadu l-hin taghhom biex jaghmlu dan il-claim u l-Provditur tas-Servizz qed jissottometti li fir-realtà, mhux ghax kien hemm l-interess ghax kieku ma kinux ihallu dan iz-zmien kollu jghaddi***.'

## Analizi u konsiderazzjonijiet ohra

L-Arbitru jiddeciedi skont kif provdut f'Artiklu 19(3)(b) b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi u merti sostantivi tal-kaz.

Wara konsiderazzjoni shiha tal-Ilment u tar-Risposta, u wara li ha konjizzjoni shiha ta' dak li ntqal waqt is-seduti u tad-dokumenti pprovduti, u wara li ezamina bir-reqqa x'kienu r-regoli applikabbli dwar investiment bhal dan meta sar f'Awissu 2015, l-Arbitru ma ghandux dubju li dan huwa kaz fejn l-Ilmentaturi, wara li ghaffgu u hadu parir minghand min mhux licenzjat, qeghdin jipprovaw jirkupraw it-telf minghand xi hadd li huwa licenzjat u li mexa sewwa mar-regolamenti applikabbli meta tahom is-servizz mitlub.

[18] P. 54

Il-kaz idur dwar x'kienu r-regolamenti applikabbli f'Awissu 2015 dwar servizz ta' *Execution Only* mitlub minn klijent *retail* minghand Provditur tas-Servizz. Skont dawn ir-regoli, servizz *Execution Only* seta' jinghata minghajr ma jkun hemm parir u minghajr obbligu li jsir *Appropriateness Test* tal-klijent *retail* jekk jipprevalu dawn il-kundizzjonijiet:[19]

1. L-istrument ikun ikkwotat fuq suq regolat
2. Is-servizz jinghata fuq talba tal-klijent
3. Il-klijent ikun gie infurmat li ma sarx stharrig dwar kemm l-istrument mitlub mill-klijent stess huwa addattat ghalih u li ma jkollux l-istess protezzjoni daqs meta jitlob servizz ta' parir
4. Il-Provditur tas-Servizz ma jkollux xi kunflitt ta' interess mhux dikjarat.

L-Arbitru konvint li dawn il-kundizzjonijiet kollha kienu onorati mill-Provditur tas-Servizz meta ta s-servizz li dwaru qed isir l-Ilment.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet spjegati, l-Arbitru qed jichad l-Ilment ghax mhux ragonevoli, gust u ekwu u jordna li l-ispejjez tal-kaz jingarru mill-Ilmentaturi.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[19] *SLC 2.25 Exemption from Appropriateness Test – MFSA Investment Service Rules.*